**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**
**vs**
**Yousef Busenah**
**Jamal Momen**

**Illum 24 ta' Settembru, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Yousef Busenah detentur tan-numru tal-pulizija 19FF-027, u

Jamal Momen, detentur tan-numru tal-pulizija 19FF-028.

Akkuzati talli nhar it-23 ta' Settembru, 2019, ghal habta ta' bejn is-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00 hrs) u t-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00 hrs) gewwa l-gzejjer Maltin ikkommettew harba semplici waqt li kienu fil-kustodja ta' persuni nkarigati mill-kustodja taghhom u dan bi ksur tal-artikolu 151 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 24 ta' Settembru, 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', dettalji personali tal-imputat Yousef Busenah immarkat bhala Dok RA1, dettalji personali tal-imputat Jamal Momen immarkat bhala Dok RA2, fedina penali ta' Yousef Busenah immarkat bhala Dok RA3, fedina penali ta' Jamal Momen immarkat bhala Dok RA4, stqarrija rilaxxjata mill-imputat Yousef Busenah immarkata bhala Dok RA5, stqarrija rilaxxjata mill-imputat Jamal Momen immarkata bhala Dok RA6.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati ghall-akkuza kif dedotta kontra taghhom u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar l-24 ta' Settembru, 2019.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu, jistghu jergghu lura minnha u fil-fatt huma regghu tennew l-istess ammissjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputati. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali netta tal-imputati.

**Decide:**

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikolu 151 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u fuq ammissjoni tal-imputati stess, issib lill-imputati **Yousef Busenah u Jamal Momen** hatja tal-akkuza dedotta kontra taghhom u tikkundannahom ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva, kull wiehed.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**